MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 413/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Robert Busuttil, iben Edwin u Joanne nee' Saydon, mitwieled Pieta', nhar is-07 t'April 1990, residenti gewwa Santa Maria, Triq il-Falkun, kappara, San Gwann li ghandu numru tal-identita' 175890(M)**

**Matthew Borg, iben Anthony u Karen nee' Flattery, miwieled Zebbug (Malta) nhar il-10 ta' Dicembru 1990 u residenti Flat 1, Blokk B, Bonemann Flats, Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad, li ghandu numru tal-isentita 05891(M);**

**Jody Gioradno ta' 19-il sena, iben Aldo Joseph u Ashley Ager nee' Dimech, mitwieled Pieta' nhar il-25 ta' Mejju 1991, residenti "Floribundi", Numru 2, Triq Hal Qormi, Sqaq Numru 3, Attard li ghandu numru tal-identita' 272391(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati, Robert Busuttil, Matthew Borg u Jody Giordano li gew akkuzati talli gewwa H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, nhar il-20 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem ta' qabel kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tal-20 ta' Settembru 2010 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bil-pussess tad-droga cannabis u dana fl-20 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem ta' qabel. Illi l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda ta'l-ufficjal prosekutur, l-istqarrijiet ta'l-imputati u ix-xhieda tas-suldati illi intercettaw lil dawn iz-zaghzagh u irrapurtaw il-kaz lill-pulizija. Illi il-kaz beda meta persuna femminili irrapurtat mas-suldat li kien ghassa mal-Ambaxxata Amerikana gewwa H'Attard illi kien hemm tlett zaghazagh, guvintur gewwa il-letrina pubblika, fit-toilet tan-nisa. Is-suldat ghalhekk mar sabiex jinvestiga u hekk kif dahal f'dana l-post huwa sab lill-imputati. Dawn kif rawh inhasdu u ifflaxxjaw l-affarijiet li kellhom. Ighid izda li sab borza fuq it-toilet, precisament fuq is-sedil tieghu u elevaha, liema

sustanza giet mghoddija lill-pulizija u esebieta in atti.[1] Ix-xhud jidentifika lil dawn it-tlett zaghzagh bhala l-imputati f'dina l-kawza. Dana huwa l-uniku xhud okulari li sab lill-imputati fit-toilet flimkien.

Illi l-imputati ma jixhdux f'dina l-kawza, izda jirrilaxxjaw stqarrija fil-21 ta' Dicembru 2007. Illi l-imputati Robert Busuttil u Matthew Borg kienu ghadhom minorenni fiz-zmien in kwistjoni.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija ta'l-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi madanakollu dina l-istqarrija ittiehdet minghajr ma'l-imputati inghataw l-opportunita li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat jew jiehdu parir legali. Dana ghaliex il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li ikollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz ta'l-Avviz Legali 35 tal-2010 illi id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data ta'l-10 ta' Frar 2010.

Illi l-abbli difensuri ta'l-imputati jikkontendu allura, illi l-Qorti ghandha tiskarta dina l-prova u cioe' l-istqarrijiet hekk rilaxxjati mill-imputati u dana billi l-istess stqarrijiet ittiehdu bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali ta'l-imputati ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1), abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrijiet, kif mistqarr mill-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu, ittiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dina giet rilaxxjata minghajr ma

[1] Ara ix-xhieda ta' Gunner 86944 Kenneth Galea a fol.31 u Dokument RG, is-sustanza.

l-imputati inghataw dritt li jiehdu parir legali qabel ma ghamlu dan.

Illi dina l-linja difenzjonali tqajjmet in segwitu ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u il-Pulizija vs Esron Pullicino[2]. Illi l-Qorti tistqarr illi fid-decizjonijiet moghtija minnha sal-lum, hija dejjem hadet il-linja li tiskarta dawn l-istqarrijiet bhala prova fid-dawl tas-sentenzi hawn fuq iccitati, u dana meta fl-atti ma ikunx hemm provi ohra, ghajr l-istqarrija tal-persuna akkuzata, li jistghu jitfghu htija fuq l-imputat. Illi madanakollu l-Qorti ta'l-Appell Kriminali hadet linja kemmxejn differenti minn dak deciz minn dina l-Qorti kif presjeduta u dana b'mod specjali in segwitu ghal decizjoni ohra moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Charles Steven Muscat vs Avukat Generali. Il-Qorti ta'l-Appell iddecidiet:

"**Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill-aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'l-istqarrija ta'l-appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli.**"[3]

[2] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.

[3] Ara sentenzi Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella u Il-Pulizija vs Greta Elena Loredana Mercieca decizi fl-10 ta' April 2013.

Illi f'dana l-kaz l-unika oggezzjoni li issollevat id-difiza hija illi tnejn mill-imputati li kienu minorenni irrilxxjaw l-istqarrija taghhom fl-assenza ta' adult jew tal-genituri taghhom. Madanakollu fl-ebda hin ma jidher illi qed jigi allegat illi dawn l-istqarrijiet gew mehuda b'xi theddid jew b'biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi l-impuati kienu imbezza' meta irrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom jew li gew imgieghla iwiegbu bil-mod li wiegbu fl-istqarrija taghhom. Kwindi l-Qorti mhijiex ser tiskarta dawn l-istqarrijiet billi jidher illi abbazi tal-linja mehuda mill-gurisprudenza fil-Qorti ta'l-Appell dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu prova valida u skond il-ligi vigenti meta ittiehdu, sakemm ma tingiebx prova kuntrarju illi l-istess ma gewx mehuda b'mod volontarju.

Ikkunsidrat,

Illi fl-istqarrijiet taghhom, l-imputati jammettu illi huma kienu xtraw il-cannabis sabiex ipejjpuha flimkien u kienu qassmu il-flus bejniethom ghall-akkwist ta'l-istess droga.[4] Illi, f'dana l-kaz, anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha tinjora dak mistqarr minnhom fl-istqarrijiet taghhom, jirrizulta ippruvat mix-xhieda ta' Gunner Galea illi t-tlett imputati kienu jinsabu flimkien f'toilet tan-nisa gewwa H'Attard u li hemmhekk instabet dina d-droga.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta'l-imputati, l-fatt illi jidher illi huma illum ma ghandhom l-ebda vizzju ta' droga u fuq kollox il-fatt illi tnejn minnhom kienu ghadhom minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dana ir-reat.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikolu 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fil-konfront ta'l-imputati Robert Busuttil u Matthew Borg, l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-

---

4 Ara stqarrijiet Dokumenti KF1 sa KF3

imputati hatja ta'l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor, fir-rigward tal-imputat Jody Giordano fi zmien 18-il xahar mil-lum u fir-rigward taz-zewg imputati l-ohra fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-Dokument RG.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------